MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2010

Numru 1290/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**
**Vs**

**CHRISTIAN BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christian Borg ta’ 22 sena, bin Stephen u Maria Theresa nee’ Camilleri mwieled il-Pieta’ nhar is-16 ta’ Lulju 1987 u residenti No:- 22, ‘La Belle Fleur’, Triq l-Isptar, h’Attard u detentur tal-karta ta’ l-identita’ no:- 320987(M);

Billi gie akkuzat talli nhar il-20 ta’ Novembru, 2009 ghall-habta ta’ 21.00hrs gewwa Triq tal-Qattus, Birkirkara;

1. Volontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jessica Pace minn Birkirkara u dan skond kif iccertifikha Dr. Stephen Muscat M.D Reg. No. 1455 ta’ l-isptar Mater Dei.

2. Kiser il-bon ordni b’ghajjat u glied.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum ix-xhud Dr. Stephen Muscat M.D., inter alia, xehed illi jikkonferma illi hu jikklassifika l-griehi sofferti minn Jessica Pace bhala gravi per durata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 214, 216(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Christian Borg, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Christian Borg ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu ta’ Euro (Euro

58.23) ammenda u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Christian Borg jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Christian Borg b’obbligazzjoni personali ta’ tmien mitt Euro (Euro 800) li jzomm il-kwiet ma’ Jessica Pace u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Christian Borg l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 382A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------